# Ir-riżultati prattiċi tar-REKT:
# il-valur miżjud u s-soluzzjonijiet għall-problemi

## Sommarju Eżekuttiv

MT

**Dan is-sommarju eżekuttiv tfassal**

**mill-METIS, GmbH.**

**Ma jirrappreżentax il-fehmiet uffiċjali tal-Kumitat tar-Reġjuni.**

Aktar tagħrif dwar l-Unjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni jista' jinkiseb fuq l-internet f'dawn is-siti: http://www.europa.eu u http://www.cor.europa.eu rispettivament.

Numru tal-katalogu: QG-80-10-186-EN-C
ISBN: 978-92-824-2522-0
DOI: 10.2860/41298

© Unjoni Ewropea, 2010

Ir-riproduzzjoni parzjali hija permessa, bil-kundizzjoni li s-sors jissemma b'mod espliċitu.

*Stampat il-Belġju*

# Sommarju Eżekuttiv

L-għan ta' dan l-istudju huwa li jagħti ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tar-Ragruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT), li juri l-valur miżjud tar-REKT kemm fil-livell tal-politika kif ukoll fil-livell prattiku, u li jikkontribwixxi għad-diskussjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-leġislazzjoni u għall-ħidma li għaddejja bħalissa dwar il-governanza f'diversi livelli. Il-metodoloġija tgħaqqad flimkien riċerka fattwali u stħarriġ dwar ir-REKT li huma diġà stabbiliti. L-istudju jagħti aġġornament dwar l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, jiddeskrivi fil-fond għaxar każijiet ta' studju, jiġbor fil-qosor is-sejbiet, it-tendenzi u l-mudelli ewlenin, u jagħmel rakkomandazzjonijiet konkreti.

Il-proposta għar-REKT oriġinat mir-rikonoxximent politiku tal-ħtieġa għal struttura legali sabiex korpi pubbliċi, u saħansitra privati, minn Stati Membri differenti jkunu jistgħu jikkooperaw bejniethom. Il-ħtieġa kienet partikolarment kbira fejn kien involut l-infiq pubbliku fi proġetti transkonfinali.

**Progress fl-adozzjoni tar-regoli nazzjonali bħala kundizzjoni favorevoli għat-twaqqif tar-REKT il-ġodda**

Ir-Regolament dwar ir-REKT (1082/2006) ġie adottat fil-5 ta' Lulju 2006. L-Istati Membri ntalbu jadottaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali u reġjonali tagħhom sal-1 ta' Awwissu 2007. Fil-fatt, il-proċeduri tal-implimentazzjoni ħadu aktar fit-tul minn dak li kien ippjanat fil-bidu:

23 Stat Membru issa spiċċaw il-proċess tal-implimentazzjoni. L-ewwel grupp ta' pajjiżi (BG, HU, UK, GR, PT, RO) adotta r-REKT diġà fl-2007. It-tieni grupp (DK, EE, ES, FR, LT, PL, SK, SI) adottahom fl-2008, filwaqt li t-tielet grupp (CY, CZ, FI, IE, IT LV, LU, NL, SE) spiċċa l-proċess ta' adozzjoni fl-2009. Sa Marzu 2010, l-AT, il-DE u l-BE kienu għad iridu jikkompletaw il-proċessi federali tagħhom, u MT ma implimentatx ir-Regolament.

**Riżultati prattiċi: varjetà dejjem ikbar fir-REKT stabbiliti**

- Ir-**REKT Eurométropole Lille-Kortrijk-Tournai**, li huwa l-ewwel REKT li ġie stabbilit f'Jannar 2008, joffri qafas għall-kooperazzjoni bejn

awtoritajiet konsiderevolment differenti minn tliet livelli amministrattivi differenti fil-Belġju u fi Franza. It-territorju tiegħu jirrappreżenta *de facto* żona urbana estiża b'popolazzjoni ta' madwar żewġ miljuni. Dan ir-REKT jinkludi 145 muniċipalità, l-istat ċentrali ta' Franza, reġjun Franċiż u dipartiment Franċiż, l-istat federali tal-Belġju, ir-reġjuni tal-Fjandri u tal-Wallonja kif ukoll il-komunità Wallona u dik Fjamminga. Il-lingwi ta' ħidma tiegħu huma l-Olandiż u l-Franċiż u, filwaqt li l-kwartieri ġenerali tiegħu jinsabu fi Franza, l-awtoritajiet Franċiżi aċċettaw ir-Regolament tal-KE bħala l-liġi primarja. Permezz ta' hekk, il-persunal jista' jiġi impjegat skont il-liġi Belġjana. Is-sisien organizzattivi ta' dan ir-REKT imorru lura għal konferenza permanenti dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali (COPIT) fl-1991.

- Ir-**REKT Ister-Granum** jinkludi 51 awtorità lokali Ungeriża u 38 awtorità lokali Slovakka mir-reġjun li jinsab madwar Esztergom, fil-fruntiera bejn l-Ungerija u s-Slovakkja. Imwaqqaf f'Settembru 2008, dan ir-REKT kien it-tieni wieħed li nħoloq. Il-kompitu ewlieni tiegħu jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' programmi u proġetti ta' kooperazzjoni transkonfinali kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Dan ir-REKT iqis ukoll li għandu rwol rappreżentattiv li permezz tiegħu jikkontribwixxi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u qed jippjana li jiftaħ ir-rappreżentanza tiegħu stess fi Brussell.

- Ir-**REKT Galicia-Norte de Portugal** jgħaqqad flimkien il-Xunta de Galicia (Spanja) u l-Comissão de Coordenação e Desenvolvimento Regional do Norte (il-Portugall). Dan ir-REKT twaqqaf f'Ottubru 2008, fuq il-bażi tal-komunità ta' ħaddiema fil-fruntiera bejn Spanja u l-Portugall li ġiet stabbilita fl-1993. Dan ir-REKT jgħaqqad awtoritajiet b'livelli differenti ta' kompetenzi devoluti. Għandu ambitu wiesa' u huwa involut fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tas-sottoprogramm operattiv.

- Ir-**REKT Amphictyony** twaqqaf f'Diċembru 2008 sabiex jipprovdi entità legali għall-kooperazzjoni bejn 63 awtorità lokali minn 9 pajjiżi Mediterranji li nbdiet fl-1991. Il-muniċipalitajiet li bħalissa huma membri tiegħu jinqasmu hekk: 42 huma Griegi, 7 Ċiprijoti, 3 Taljani u waħda Franċiża. Qed jippjana li jestendi n-numru ta' membri tiegħu u huwa miftuħ għal entitajiet minn Stati Membri li ma jagħmlux parti mill-UE. Dan ir-REKT fassal White Paper għall-membri dwar kwistjonijiet ambjentali, inklużi s-sostenibbiltà u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

.../...

- Ir-**REKT Karst-Bodva**, li ġie rreġistrat fi Frar 2009, jgħaqqad awtoritajiet lokali mir-reġjun tal-karst Gömör-Torna u l-wied tax-xmara Bódva fil-fruntiera bejn l-Ungerija u s-Slovakkja. Il-bażi ta’ dan ir-REKT hija l-Ewroreġjun ta’ Kars, li nħoloq fl-2001. Dan ir-REKT qed jiffaċċja numru ta’ sfidi fil-fażi inizjali tiegħu fir-rigward tal-finanzi, ir-relazzjonijiet tiegħu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jinsabu fiż-żoni fil-qrib u l-amministrazzjonijiet nazzjonali tagħhom. Ġew irrappurtati wkoll problemi fir-rigward tal-ħiliet lingwistiċi.

- Ir-**REKT Duero – Douro** twaqqaf f’Marzu 2009. Dan ir-REKT żviluppa fuq il-bażi tal-komunità ta’ ħaddiema fil-fruntiera bejn Spanja u l-Portugall, li ġiet stabbilita fl-1993. Huwa jgħaqqad 188 awtorità lokali (NUTS III), żewġ assoċjazzjonijiet, korp awtonomu u żewġ universitajiet (madwar 120 000 abitant). Dan ir-REKT kellu xi problemi dwar l-eliġibbiltà tiegħu f’diversi sejħiet tal-UE (apparti l-Interreg).

- Ir-**REKT West-Vlaanderen/Flandre-Dunkerque-Côte d’Opale** ġie rreġistrat lejn tmiem Marzu 2009. Il-membri Franċiżi tiegħu jinkludu l-istat nazzjonali, ir-reġjun Nord-Pas-de-Calais, id-dipartimenti tan-Nord u l-Pas-de-Calais u l-Komunità Urbana ta’ Dunkerque. Fost il-membri Belġjani tiegħu, hemm l-istat federali, ir-reġjun tal-Fjandri u l-provinċja tal-Fjandri tal-Punent. Dan ir-REKT żviluppa wara għexieren ta’ snin ta’ kooperazzjoni transkonfinali msaħħa permezz tal-programmi INTERREG. Huwa meqjus bħala laboratorju tal-governanza f’diversi livelli u bħala pjattaforma għall-promozzjoni tal-interessi taż-żona kkonċernata.

- Il-ħolqien tar-**REKT Eurorégion Pyrénées-Méditerranée** ġeneralment jittratta l-kwistjoni tat-twaqqif ta’ entità legali għal proċess ta’ kooperazzjoni u ta’ azzjoni li nedew b’mod konġunt żewġ reġjuni Franċiżi (il-Midi-Pyrénées u l-Languedoc-Roussillon) u tnejn mill-*komunitajiet awtonomi* ta’ Spanja (il-Katalonja u l-Gżejjer Baleariċi). Dan ir-REKT ġie rreġistrat f’Awwissu 2009 fuq il-bażi tal-Ewroreġjun li nħoloq fl-2004[1] sabiex jaqdi 13-il miljun abitant. L-erba’ membri li jikkostitwixxu dan ir-REKT tawh is-saħħa biex jiżviluppa u jimplimenta programmi f’setturi differenti. Dan ir-

1 L-Ewroreġjun kien jinkludi wkoll il-komunità awtonoma Spanjola ta’ Aragon.

REKT beħsiebu jirrappreżenta u jippromovi l-interessi tiegħu f'livelli differenti u f'forums differenti.

- Ir-**REKT Strasbourg-Ortenau** ġie stabbilit fi Frar 2010. Diġà qiegħed fi triqtu biex jimpjega l-persunal. Huwa magħmul mill-Komunità Urbana Franċiża ta' Strasbourg, il-Landkreis ta' Ortenau u l-bliet ta' Offenburg, Lahr, Kehl, Achern u Oberkirch. Dan ir-REKT huwa kkaratterizzat minn rabtiet li huma partikolarment b'saħħithom bejn il-membri taż-żona kkonċernata fir-rigward tal-integrazzjoni ekonomika, l-istituzzjonijiet Ewropej fi ħdanha u triq eżemplari lejn l-integrazzjoni ċivika. Dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali taw appoġġ sinifikanti lil din l-inizjattiva.

- Ir-**REKT Hospital de la Cerdanya**, li nħoloq f'April 2010, jirrappreżenta impriża li toffri interess u sfida partikolari. Huwa mod ġdid ta' governanza għal sptar b'impatt immedjat fuq il-popolazzjoni ta' żona ta' qbid transkonfinali f'wied b'madwar 30 000 abitant (17 000 fuq in-naħa Spanjola u 13 000 fuq in-naħa ta' Franċiża). Il-membri involuti huma, min-naħa ta' Spanja, il-Gvern Katalan u, min-naħa ta' Franza, il-Ministeru tas-Saħħa, l-Assigurazzjoni tas-Saħħa Nazzjonali u l-Aġenzija Reġjonali għall-Isptarijiet tal-Languedoc-Roussillon.

- Ir-**REKT Grande Region**, li twaqqaf f'April 2010, jirrappreżenta l-ewwel eżempju ta' REKT li jaġixxi bħala Awtorità Amministrattiva (AA) għal programm transkonfinali. Il-punt tat-tluq kien id-deċiżjoni li jiġi stabbilit programm ta' kooperazzjoni transkonfinali li jinvolvi erba' Stati Membri. Ma kinitx ħaġa faċli li tintlaħaq deċiżjoni dwar it-tqassim tal-funzjonijiet fost il-pajjiżi parteċipanti. Għalhekk ir-REKT ġie kkunsidrat bħala għażla interessanti.

L-aħbar dwar il-ħolqien tar-**REKT ZASNET**, **ARCHIMED** u **UTTS** waslet meta tlesta l-manuskritt ta' dan l-istudju: ir-*REKT ZASNET* huwa bbażat fi Bragança (PT), l-imsieħba tiegħu jiġu mill-Portugall (l-assoċjazzjonijiet ta' Terra Fria do Noreste Transmontano u Terra Quenta Transmontana) u Spanja (il-provinċji ta' Zamora u Salamanca, u l-belt ta' Zamora). Ir-REKT beħsiebu jippromovi r-relazzjonijiet transkonfinali bejn il-membri fl-oqsma tal-ambjent, tal-kultura, tat-turiżmu u l-iżvilupp, jimplimenta proġetti konġunti, jippromovi t-territorju barra ż-żona u jiġġenera sinerġiji biex jaqleb it-tendenzi demografiċi negattivi taż-żona. Ir-*REKT ARCHIMED* (Arċipelago Mediterran) inħoloq mir-

.../...

Reġjun Sqalli (IT), mill-gvern tal-Iles Balleares (ES) u mill-Aġenzija tad-Distrett ta' Larnaca għall-Iżvilupp (CU). Is-sede uffiċjali tar-REKT ġie stabbilit f'Taormina (IT). Ir-REKT għandu l-mira li joħloq kooperazzjoni stabbli bejn il-gżejjer tal-Mediterran fit-territorju tal-Italja, Spanja u Ċipru; il-promozzjoni tal-interessi komuni lejn l-Unjoni Ewropea, l-iskambju bejn il-membri tiegħu u l-implimentazzjoni tal-programmi, proġetti u azzjonijiet tal-kooperazzjoni territorjali. L-attivitajiet ser isiru fil-kamp tal-iżvilupp sostenibbli, l-iżvilupp rurali, is-sajd, it-trasport, il-kultura, it-turiżmu, l-innovazzjoni, il-kooperazzjoni territorjali, l-enerġija u l-migrazzjoni. L-integrazzjoni ta' msieħba minn barra l-Unjoni Ewropea: ir-*REKT UTTS* twaqqaf minn awtoritajiet lokali mill-Ungerija, is-Slovakkja u r-Rumanija. L-objettivi prijoritarji tar-REKT huma li jippromovi l-objettivi ta' konverġenza fit-territorju ġeografiku li jħaddan il-membri tar-Raggrupament. Bil-ksib tal-għanijiet ewlenin ir-REKT ifittex b'mod partikolari li jippromovi l-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn l-unitajiet territorjali u d-diversi organizzazzjonijiet li joperaw fir-reġjun tal-fruntiera, li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja għar-residenti li jgħixu fit-territorju tiegħu, u li jnaqqas id-differenzi reġjonali.

**Tendenzi komuni, kwistjonijiet kritiċi u perspettivi futuri**

**Fl-2010, ir-REKT isibu lilhom infushom fi sfond ta' politika li nbidel meta mqabbel ma' dak li kien hemm meta r-regolament tar-REKT kien tfassal, ġie promoss u adottat b'suċċess.** L-adozzjoni tat-Trattat ta' Lisbona żiedet "il-koeżjoni territorjali" u "l-koeżjoni ekonomika u soċjali" mal-għanijiet ewlenin tal-Unjoni u l-istrument tar-REKT innifsu tfassal għall-għan proprju tal-"kooperazzjoni territorjali". Il-perijodu ta' programmazzjoni tal-Fondi Strutturali 2007-2013 bħalissa huwa għalkollox operattiv u juri żieda fit-tendenza fl-Unjoni għal aproċċi reġjonalizzati fit-tfassil u t-twassil tal-programmi, u b'hekk jipprovdu opportunitajiet ġodda għar-REKT. L-integrazzjoni tal-inizjattiva Interreg u l-promozzjoni tal-istrateġiji territorjali għall-Makroreġjuni (l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku, l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju, eċċ.) jespandu dan il-kamp ta' attività. Tal-aħħar iżda mhux tal-inqas, l-UE 2020 ser tindirizza xi wħud min-nuqqasijiet tal-Istrateġija ta' Lisbona, li jinsabu b'mod partikolari fil-mekkaniżmi tat-twassil – qasam fejn ir-REKT juri potenzjal konsiderevoli.

**Fil-kuntest tal-istrateġiji makroreġjonali, il-potenzjalitajiet il-ġodda tar-REKT ħerġin bħala l-fatturi ewlenin għall-appoġġ tal-impenn għall-politiki**

**konġunti u bħala vettura mmirata għall-impenn iktar fit-tul għall-implimentazzjoni konġunta ta' azzjonijiet speċifiċi.** Wieħed mill-valuri miżjuda prinċipali tal-istrateġiji makroreġjonali ser ikun l-enfasi fuq l-istituzzjonijiet u l-imsieħba biex jiggwidaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet prijoritarji. U hawnhekk ir-REKT – bħala qafas ġdid għal diskussjoni u bħala strument li huwa miftuħ għall-implimentazzjoni ta' diversi kompiti – jista' jidħol fid-diskussjoni bħala wieħed mill-għażliet biex jiżviluppa u jsaħħaħ l-impenn għal kompiti ġodda komuni.

**Id-dewmien fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u l-eżistenza ta' mekkaniżmi oħra ta' kooperazzjoni għandhom effetti fuq it-tendenzi u l-maturità territorjali tal-inizjattivi tar-REKT.** Meta minħabba diversi raġunijiet, l-Istati Membri damu iżjed fl-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet neċessarji, dan kellu impatt ċar fuq in-numru u l-iżvilupp ta' inizjattivi emerġenti tar-REKT.

Fil-każ tal-inizjattivi tar-REKT, li għal ħafna snin ma rnexxilhomx jiġu stabbiliti, diversi raġunijiet kienu responsabbli: fosthom, id-dewmien fl-adozzjoni tal-proċeduri nazzjonali kellha rwol b'mod partikolari fl-Awstrija u fl-Italja. F'każijiet oħra, bidla fil-kuntest politiku kkawżata mill-elezzjonijiet wasslet għal bidla fl-appoġġ politiku. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet analizzati, waħda mill-kwistjonijiet kienet il-kumplessità kbira tal-proċess globali maħsub biex jiġi esplorat u implimentat b'mod effettiv l-istrument tar-REKT.

**Ir-REKT li ġew stabbiliti juru "trajettorja ta' kooperazzjoni" minn kooperazzjoni anqas formalizzata lejn kooperazzjoni aktar formalizzata u intensiva.** L-Ewroreġjuni, l-Ewrodistretti, il-komunitajiet ta' ħaddiema u forom oħra ta' kooperazzjoni formalizzata kienu antenati importanti għal ħafna REKT.

**Ġeneralment, l-istruttura tal-membri tar-REKT hija kkaratterizzata minn numru predominanti ta' bosta msieħba reġjonali u ħafna msieħba lokali filwaqt li l-imsieħba nazzjonali għadhom pjuttost rari.** L-istruttura f'diversi livelli tar-REKT hija l-eċċezzjoni aktar milli r-regola: il-biċċa l-kbira tar-REKT jiffurmaw sħubijiet bejn imsieħba mill-istess livell amministrattiv.

**Filwaqt li bosta REKT ipprevedew rwol b'saħħtu tal-korpijiet rappreżentattivi, xi REKT saħansitra jinfurzaw approċċ parteċipattiv aktar b'saħħtu**: xi REKT ipprevedew mekkaniżmi biex itejbu r-rabta mas-soċjetà

ċivili (eż. il-Parlament Ċivili f'Ister Granum u l-konferenza tas-sindki fl-Eurométropole Lille-Kortrijk-Tournai). It-teħid tad-deċiżjonijiet bejn l-imsieħba ta' REKT sar eżerċizzju ta' verifiki u bilanċi fuq kwistjonijiet bħall-persunal, il-kwartieri ġenerali u l-lingwi.

**Il-biċċa l-kbira tar-REKT stabbiliti għadhom ma impjegawx persunal minkejja li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dan huwa previst fil-futur qarib.** Dan ġie kkundizzjonat mill-baġit tar-REKT u mid-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti dwar ix-xogħol.

Filwaqt li ġew stabbiliti baġits annwali skont l-Artikolu 11 tar-Regolament 1082/2006 fir-REKT kollha, l-istabbiliment ta' baġits multiannwali għadu eċċezzjoni. Madankollu, dan huwa importanti sabiex jiġi żgurat il-persunal ta' REKT. Bosta REKT waqqfu baġit speċifiku għal skopijiet ta' pubbliċità.

**Rakkomandazzjonijiet għal reviżjoni tar-Regolament 1082/2006**

a) <u>Sħubija</u>

- Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fir-REKT billi l-pajjiżi terzi jiġu ankrati fl-Art. 1 u 3 (natura u kompożizzjoni) u billi jiġu stabbiliti rabtiet mar-Regolamenti tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI).
- Aktar esplorazzjoni tal-possibbiltà li tiġi permessa l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet privati (Art. 3 tar-Regolament 1082/2006) taħt ċerti kundizzjonijiet.

b) <u>Ir-Rwol tal-Istati Membri</u>

- Żieda fl-użu u fil-flessibbiltà tar-REKT eżistenti fir-rigward tal-liġi applikabbli (Art. 2) billi jiġu pprovduti kummenti b'eżempji ċari dwar l-implikazzjonijiet tal-ġerarkija legali stabbilita fl-Art. 1 tar-Regolament.
- Enfasi fuq l-importanza li tintlaħaq id-deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' REKT fil-qafas ta' tliet xhur indikat fir-Regolament (Art. 4).
- L-għoti ta' taħriġ u assistenza teknika lill-awtoritajiet kompetenti.
- Il-kunsiderazzjoni ta' aktar armonizzazzjoni tar-regoli dwar ir-REKT bl-għan li r-REKT jiksbu status pubbliku fl-Istati Membri kollha.
- Li tiġi evitata sistema ta' kontroll doppju tal-fondi pubbliċi (Art. 6) billi l-awtoritajiet kompetenti jiġu avżati b'mod adegwat.

c) <u>Kompiti u missjonijiet</u>

- Li tiġi evitata interpretazzjoni dejqa jew qarrieqa tal-"kompiti" ta' REKT billi tinbidel il-formulazzjoni tal-Art. 7.3.
- L-appoġġ għall-inklużjoni tal-"iżvilupp rurali" bħala kompitu potenzjali ta' REKT billi l-formulazzjoni tal-Art. 7.3 tkun aktar miftuħa.
- Li jiġi speċifikat li r-REKT huma kandidati eliġibbli *de iure* li jistgħu jipparteċipaw fil-programmi kollha ffinanzjati mill-UE, bla bżonn ta' aktar imsieħba.
- L-għoti ta' aktar direzzjoni fl-Art. 7.4 – l-esklużjoni tas-"setgħat tal-pulizija u dawk regolatorji, il-ġustizzja u l-politika barranija".

d) Sistema Legali

- Separazzjoni ċara bejn il-kontenut tal-konvenzjoni u l-istatuti permezz tar-reviżjoni tal-Art. 8 (konvenzjoni) u Art. 9 (statuti) jew billi waħda minnhom tiġi abbandunata.
- L-iffaċilitar tal-impjegar tal-persunal billi tiġi esplorata l-possibbiltà li jinħoloq status ta' impjieg li jmur lil hinn mir-regolamenti nazzjonali.
- L-għoti ta' aktar direzzjoni dwar il-ħolqien ta' REKT fir-rigward tal-Art. 10 (organizzazzjoni) bil-għan li jiġu promossi l-prinċipji tal-proporzjonalità u d-demokrazija parteċipattiva.
- Aktar spjega jew reviżjoni tal-Art. 10.3 dwar ir-responsabbiltà tar-REKT, "anke fejn [l-]atti [tiegħu] ma jaqgħux fil-limiti tal-kompiti tar-REKT".
- L-għoti ta' aktar direzzjoni dwar il-ħolqien ta' REKT fir-rigward tal-Art. 11 (baġit) u l-implikazzjoni prattika tiegħu għar-reklutaġġ tal-persunal.
- L-għoti ta' aktar direzzjoni fl-Art. 13 (interess pubbliku) bil-għan li jiġu spjegati l-interpretazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.